**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 43 – IT-TNEJN, 6 TA' APRIL 2015 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

## 1. Approvazzjoni Minuti Numru 42

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 7.3 għandu jiżdiet Trevor Fenech ma' Mikhail Micallef. Fil-paragrafu 7.3 ukoll, l-aħħar sentenza li tibda "Ġie deċiż ukoll" għandu paragrafu separat 7.3.1.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Pagamenti Numru 37

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Aġġudikazzjoni tat-Tenders

4.1 SGLC/T/07/15 Tabelli tat-Toroq. Ġie innutat li kien hemm tliet offerti, li kellhom ir-rati tagħhom viċini ħafna. Għalhekk ġie deċiż li din it-tender tiġi deċiża fl-laqgħa oħra biex ikun hemm ċans biex tiġi analizzata aħjar.

4.2 SGLC/T/08/15 Sinjali tat-traffiku. Kien hemm diskussjoni fuq it-tliet offerti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Signmark peress li hija l-irħas offerta. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Korrispondenza**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Youth Tournament tal-Football ma' San Ġwann nursery ser issir f'Mejju.

4.2 Ġew innutati korsijiet tal-kompjuter mit-TCTC l-ikids. Għandha tiġi kkonfermata li din tista' ssir mal-Kunsill tas-Swieqi.

4.3 Ġie innutat Premju Intrapriżi. Ġie deċiż li ma ssirx l-applikazzjoni.

4.4 Kien hemm qbil li tiġi approvata advertising mill-Brands International fi Vjal ir-Riħan.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li TM ma approvax it-tabelli li twaħħlu fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq il-Kuccard wara li dawn kienu ġew approvati verbalment wara site visit. Għandhom jitneħħew dawn it-tabelli.

4.6 Il-Kunsill ġie infurmat li kien hemm appelli fuq it-tenders tal-Knis u tindif Zone A u B. Il-proċess kellu jiġi mwaqqaf.

**5 Komunikazzjoni mis-Sindku**
.

5.1 Is-Sindku tkellem fuq oġġezzjonijiet li rcieva il-Kunsill rigward żvilupp fi Triq is-Santwarju. Ġie deċiż li nitolbu parir lill-Perit tal-Kunsill peress li dan l-iżvilupp ser joħloq kruha fl-estetika.

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha ssir laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi rigward il-One way ta' Triq tal-Ibrag.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li ma ġewx approvati il-fondi għall-attivitajiet kulturali.

5.4 Is-Sindku tkellem fuq laqgħa li kellu mad-Direttur tal-Works Division. Hawn tkellmu fuq il-proposta li l-pitch tal-boċċi jsir taħt l-art u l-ġnien ikun akbar. Il-Kunsill innota li dan hu vantaġġ għaliex il-pitch ikun jista' jintuża f'kull temp u jkun aktar komdu, u fl-istess ħin ikun hemm aktar spazju għall-ġnien. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata din il-proposta. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Neville Mallia innota li hemm korrispondenza antika fin-notice boards. Kien hemm qbil li hu għandu jibda jieħu ħsieb dawn in-notice boards.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li qed tieħu ħsieb il-preparamenti għall-Milied, inkluż li tinxtara biċċa oħra għas-siġra tal-Milied u ssir outline għall-faċċata tal-Kunsill. Qegħda wkoll taħdem fuq il-programm għal Jum San Ġwann.

6.3 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li hemm bżonn li jinżabru s-siġar ta' Misraħ Lourdes u li l-bandiera kienet rasa l-isfel l-ġurnata ta' qabel.

6.4 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li ħadd mhu qed inaddaf il-picnic area tal-wied. Ġie deċiż li din tiġi inkluża fit-tenders tal-Parks and Gardens u

jiġi nkluż ukoll Misraħ Donat Spiteri. Ġie deċiż li jsir non urban peress li kien hemm appeal fit-tenders il-ġodda tal-knis.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta' April 2015 fil-5.30pm.

______________________ ______________________

**Kurt Guillaumier** **Etienne Bonello Du Puis**